# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

### Seduta ta' nhar 12 ta' Frar 2024

**Rik. Gur. Nru: 229/2019 JPG**

**Kawza Numru : 16**

**LG f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem tal-minuri skond id-digriet tal- 4 ta' Novembru 2020**

**-vs-**

**MC u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' LG datat 2 ta' Ottubru 2019, a fol 1 et seqq., jaqra hekk:

1. *Illi l-esponenti kellha relazzjoni mal-intimat u minn din ir-relazzjoni twieldu tlett itfal: il-minuri ZYP li twieldet f'X, ZMP li twieldet f'Y u ZKP li twieled f'Z;*

2. *Illi mill-att tat-twelid tal-minuri jirrizulta illi l-attrici LG li f'dak iz-zmien kellha kunjom P, hija omm dawn it-tlett minuri u fil-kolonna intestata 'isem u kunjom' il-missier, gie registrat bhala missier mhux maghruf;*

3. *Illi l-partijiet ma baqghux aktar f'relazzjoni flimkien tant li intilfet il-kuntatt ta' bejniethom u fil-fatt minkejja li l-esponenti interpellat lill-konvenut diversi drabi anke permezz tal-ittra ufficjali bin-numuri 56/2018 l-intimat baqa' inadempjenti;*

4. *Illi permezz ta' sentenza deciza fi 26 ta' Mejju 1994 mill-Onor. Franco Depasquale fl-ismijiet AP vs GP pro et noe, il-kunjom tal-esponenti kien imbiddel minn P ghal G peress illi kien hemm kawza ta' paternita', izda sfortunatament il-kunjom tal-esponenti kien ghadu jidher bhala P fir-Registru Pubbliku u ghalhekk it-tlett ulied hadu il-kunjom P flokk G u ghaldaqstant fil-present il-kunjom tat-tlett ulieda huwa differenti ukoll minn dak tal-omm;*

*Talbet li l-konvenuti ghar-ragunijiet premessi jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:*

1. *Prevja kull dikjarazzjoni u kull test necessarju bl-opera okkorendo ta' Periti nominati biex jikkonduci testijiet generici u xjentifici kif kontemplati fil-kodici civili;*

2. *Tiddikjara li l-konvenut MC huwa l-missier naturali ta' ZYP, ZMP u ZKP;*

3. *Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjoni opportuna fic-certifikati tat-twelid tal-minuri ZYP (Att numru X), ZMP (Att numru Y) u ZKP (Att numru Z) billi fil-kolonna intestata 'isem u kunjom missier'. Jigi kancellat missier mhux maghruf, u jigi sostitwit bl-isem MC fit-tlett certifikati;*

4. *Illi l-partikolaritajiet relattivi ghad-dokument ta' l-identita', ghall-eta', ghall-post tat-twelid u ta' residenza, u ghall-isem u kunjom il-missier patern u jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferu ghal missier, jigu sostitwiti ghal dawk tal-istess MC;*

5. *Illi jibidel il-kunjom P kemm ta' ZYP, ZMP u ZKP u jinbidel ghal kunjom C li huwa l-kunjom tal-missier naturali u warajh tizdied il-kunjom tal-Omm G halli kunjom it-tfal jinbidel minn P ghal CG;*

*Bl-ispejjes kontra l-konvenut li minhabba fin-nuqqas tieghu kellha ssir din il-kawza u li jibqa' minn issa ingunt ghas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 4 ta' Novembru 2019, a fol 29 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi in linea preliminari, l-esponent jeċepixxi, illi din l-Onorabbli Qorti għandha ssejjaħ lil ZYP, ZMP u ZKP fil-proċeduri istanti stante li din l-azzjoni titratta l-filjazzjoni tagħhom u għalhekk ikun idoneju illi huma stess ikunu parti minn din il-kawża għal kull interess li jista' jkollhom. Illi ġialadarba dawn jiġu msejħa fil-kawża l-esponent huwa tal umli fehma li din il-Qorti għandha taħtar kuraturi għall- istess ZYP, ZMP u ZKP ai termini tal-artikolu 783 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

2. *Illi bla preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, l-esponent jiddikjara li ma huwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero' li l-provi miġjuba għandhom ikunu l-aħjar u kif ukoll sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jsiru t-testijiet ġenetiċi abbażi tal-Artikolu 100A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan bl-intiża li jiġi vverifikat jekk ZYP, ZMP u ZKP humiex il-wild naturali ta' MC.*

4. *Illi f'każ li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponent jistieden lir-rikorrenti sabiex tippreżenta permezz ta' nota d-dettalji kollha ta' MC, senjatament: (1) In-numru tal-karta tal-identita` tiegħu; (2) Ismu u kunjomu; (3) L-eta` tiegħu meta twieldu ZYP, ZMP u ZKP; (4) Il-post tat-twelid tiegħu;(5) Il-post ta' residenza tiegħu meta twieldu ZYP, ZMP u ZKP; (6) Isem u kunjom ta' missieru; u (7) Jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieldu ZYP, ZMP u ZKP. Tali informazzjoni hija meħtiega sabiex tiġi eventwalment inserita fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti;*

5. *Illi in vista ta' dak li ġie rilevat mill-attriċi fir-rigward tal-kunjom "G" u dak "P", l-esponent jissottolinea illi s-sentenza rigward il-paternità*

*deċiża fis-26 ta' Mejju 1994 mill-Onor Franco Depasquale fl-ismijiet AP vs GP pro et noe ġiet reġistrata fl-Att ta' Twelid tal-Attriċi fit-8 ta Frar 2012 u ċioe wara t-twelid tat-tlett minuri imsemmija. Madankollu d-Direttur jikkonferma illi l-attriċi fil-preżent hija reġistrata bħala "LG" u mhux bħala "LP". Fid-dawl ta' dan u f'każ illi l-partijiet kontendenti jagħzlu illi jassumu il kunjom matern wara dak ta' missierom il-minuri se jkunu qed jassumu l-kunjom "CG" u mhux "CP";*

6. *Illi mingħajr preġudizzju għal premess u f'każ li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponent jirrileva illi l-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom se jassumu ZYP, ZMP u ZKP.*

7. *Illi bla pregudizzju għal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m' għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed minn issa jiġi inġunt in subizzjoni.*

Rat ir-risposta ta' MC datata 20 ta' Jannar 2020 a fol 35 li taqra hekk:

1. *Preliminarjament l-esponent jecceppixxi l-intempestivita' ta' din l-azzjoni stante illi huwa qabel ircieva dan ir-rikors guramentat qatt ma gie mitlub b'att ufficcjali sabiex jigi rikonoxxut bhala missier il-minuri ZYP, ZMP u ZKP u ghalhek huwa ma ghandu jbati l-ebda spejjes konness ma din l-azzjoni;*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti jopponi ghat-talbiet tal-attrici stante illi huwa snin twal li spicca mir-relazzjoni li kellu maghha u kienet hija li dejjem opponiet li jkun hemm xi hadd li jkun rikonoxxut bhala il-missier ta' dawn il-minuri.*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

***LG xehdet permezz ta' affidavit a fol 99A et seq*** u spjegat illi hi iltaqghet mal-intimat C fis-sena 2001, u wara sena johorgu flimkien, l-intimat C mar jghix ghandha fid-dar tal-genituri taghha, f' B. Illi sussegwentement kellhom lil ZYP li twieldet f'X, wara erba' snin u cioe fis-senaY kellhom tifla ohra ZMP, u f'Z kellhom tifel ZKP. Illi wara xi sentejn kienu marru joqghodu f'dar tal-Housing gewwa Hal Qormi bhala familja, izda wara circa sena infirdu ghaliex l-intimat ma riedx il-hajja stabbli ta' familja u kien telaq.

Fuq ic-certifikat tat-twelied tat-tfal, l-intimat mhuwiex imnizzel bhala l-missier, illi pero' huwa jaf li huwa missierhom ghaliex dejjem kien maghha l-isptar meta weldet u it-tfal kienu jghajtulu papa' u huwa ukoll indikat bhala missierhom fuq ic-certifikat tal-maghmudija. Tishaq illi ghal bidu li telaq mid-dar, l-intimat kien zamm kuntatt ma-tfal izda wara ftit dan il-kuntatt inqata' ghal kollox u lanqas kienet taf fejn qieghed jghix. Izid illi kienet pruvat tinnotifika ghal diversi drabi b'ittri normali u anke ittri ufficjali fl-indirizz li kienet taf bih gewwa Z izda qatt ma instab. Illi filfatt gara l-istess bl-ittra ufficjali biex jirrikonoxxi lit-tfal, u meta saret taf illi kien qieghed jghix G, xorta injoraha meta kien notifikat.

Spjegat illi hi dejjem gabet il-kunjom P, li kien il-kunjom tar-ragel ta' ommha, izda wara li kellha t-tfal, ir-ragel ta' ommha, certu AP,, etah kawza kontra ommha, kontra l-attrici u hutha, biex ma jibqax jidher bhala missierhom u minflok kien gie rikonoxxut certu EG bhala missierha. Illi ghalhekk l-attrici kienet biddlet kunjomha minn P ghal G, izda t-tfal kienu baqghu Portelli peress li ma kienux parti mill-kawza. Illum uliedha ghandhom, sbatax, erbatax u tnax – il sena rispettivament u kunjomhom ghandu jinbidel minn Portelli ghal Grima, biex izommu kunjomha. Tishaq illi l-intimat Cassar minn dejjem kien jaf illi t-tlett itfal huma tieghu, u dan kollu seta' jigi facilment evitat li kieku

wiegeb ghall-ittra ufficjali. Illi ghalhekk l-intimat ghandu jigi ordnat ihallas l-ispejjes tad-DNA u anke l-ispejjes tal-kawza.

**Ikkonsidrat:**

Illi permezz ta' din l-azzjoni l-attrici qed titlob illi l-konvenut MC jigi maghruf bhala l-missier naturali tal-minuri ZYP li twieldet f'X, ZMP li twieldet f'Y, u ZKP li twieled f'Y u dana kif jirrizulta mic-certifikati tat-twelid *a fol 5, 6 u 7* tal-atti u li sal-llum il-gurnata huma ddikjarati bhala ulied missier mhux maghruf.

Din il-kawza hija ghalhekk ibbazata fuq l-artikolu 86A tal- Kodici Civili, li jipprovdi:

> ***"L-omm ta' iben imnissel jew imwieled barra miż-żwieġ li ma jiġix magħruf mill-missier, u dak l-istess tifel, jistgħu f'kull żmien iressqu talba ġudizzjarja biex tiġi stabbilita l-paternità tat-tifel u biex il-qorti tordna r-reġistrazzjoni ta' dik il-paternità fl-atti tal-istat ċivili relattivi."***

Il-Qorti taghraf illi f'kazijiet bhal dawn, il-prova regina huwa l-ezami xjentifiku tad-DNA. Kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta:

> ***"...f'kawżi bħal dawn, il-provi xjentifiċi u ġenetiċi huma l-prova reġina u għalhekk il-Qorti tista' tiddependi fuqhom mingħajr analiżi ta' provi oħra u cioe jekk l-attriċi possibilment kellhiex relazzjonijiet sesswali ma' rġiel oħra, oltre l-konvenut…fiż-żmien tal-konċepiment tal-minuri..."***[1]

Il-Qorti rat illi skont ir-rapport guramentat ta' Dr. Marisa Cassar *a fol 91 et seq*, it-testijiet genetici li saru fuq il-konvenut MC **u t-tliet minuri jistabilixxu illi l-istess konvenut huwa l-missier bijologiku tal-minuri**. Illi ghalhekk, u in vista tar-rapport guramentat ta' Dr. Marisa Cassar, **il-Qorti tqis illi gie stabbilit b'mod car u inekwivoku, illi l-konvenut huwa l-missier bijologiku tat-tfal minuri indikati fir-rikors promotur.**

Rigward il-kwistjoni tal-kunjom tal-minuri, il-Qorti rat illi fl-affidavit taghha, l-attrici

[1] A B vs C D et, Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) (Rik. Gru. Nru. 79/16) 25 April 2018.

rrilevat illi l-minuri ghandhom igibu kunjomha kif dejjem ghamlu, b'dana illi kunjomha illum huwa "G u mhux "P" u dana in segwitu ghall-proceduri gudizzjarji istitwiti mir-ragel ta' omm l-attrici, li institwixxa kawza ta' denegata paternita' fil-konfront taghha u ta' hutha. Din il-Qorti hija tal-fehma illi stante li llum il-minuri huma adolexxenti, u l-presenza ta' missierhom f'hajjithom kienet wahda minima ghall-ahhar, jkun fl-ahjar interess taghhom illi ulied il-kontendenti jgibu kunjom ommhom li llum huwa **G.**

**Ikkonsidrat:**

Ghar-rigward il-kap tal-ispejjes, din il-Qorti, ikkonsidrat illi l-kundanna ghall-hlas tal-ispejjez hija regolata mill-ligi u cioe l-artikolu 223 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi hekk:

***"(1) Kull sentenza definittiva għandha tikkundanna lit-tellief għall-ispejjeż.***

***(2) Fil-każijiet kollha, il-qorti tista' tordna li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha, meta kull waħda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawża, jew meta jindaħlu kwistjonijiet diffiċli tal-liġi, inkella għal xi raġuni tajba oħra."***

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet ***HLB Falzon & Falzon vs Josette Xuereb*** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Settembru 2004 fejn dwar dan l-artikolu gie spjegat illi:

***"Jinsab ritenut illi "minn din id-disposizzjoni esplicita jirrizulta car u manifest li l-Qorti meta tittempera l-ispejjez ma tistax tmur aktar l'hemm milli tordna illi l-ispejjez ma jigux intaxxati; salvi eccezzjoni specjalissimi" (Kollez. Vol XLVIII pI p445; Vol XXXIX pI p340; Vol XXVI pI p173);***

***Huwa rikonoxxut pero` li jezistu kazijiet li fihom ma tkunx qed issir gustizzja malparti proceduralment sokkombenti jekk ma tigix b'danakollu mehlusa ghal kollox mill-ispejjez. Gie infatti enuncjat illi***

> ***"l-imsemmija disposizzjonijiet tal-ligi taghna ma jidhirx li kkonsidraw dawk ir-regoli bhala normi talment tassattivi u nflessibbli illi ma jippermettux f'certi kazijiet illi l-parti proceduralment vincitrici tehel l-ispejjez kollha" (Kollez. Vol XLIX pI p190). B'ezemplari din is-sentenza ssemmi l-kaz fejn il-proceduri jsiru fl-interess esklussiv tal-attur u l-konvenut ma jkollu l-ebda nteress li jikkontesta u s-sokkombenza tieghu tkun wahda sempliciment formali. Hekk insibu a Vol XXXIII pII p55 illi "jekk l-atturi jridu dikjarazzjoni mill-Qorti l-ligi ma tipprojbix illi l-Qorti tippresta l-ufficcju taghha biex taghti dik id-dikjarazzjoni pero` a spejjez ta' min jitlobha, jekk il-parti l-ohra ma tikkontestax id-dikjarazzjoni". Ezemplari iehor hu dak fejn l-attur jitlob il-korrezzjoni tal-atti tal-istat civili. Anke hawn di norma l-ispejjez jigu sopportati mill-attur."***

Il-Qorti tinnota illi minkejja li l-konvenut ta l-kunsens tieghu sabiex jissottoponi ruhhu ghat-testijiet genetici relattivi sabiex tigi stabbilita l-paternita' o meno tal-minuri, dam jitrattjeni konsiderevolment biex attenda ghall-appuntamenti moghtija. Ulterjorment, tinnota wkoll illi mhix-xhieda mhux kontestata tal-attrici, meta ttermina r-relazzjoni tieghu mal-attrici, il-konvenut ma zammx kuntatt ma' uliedu tant illi lanqas setghet tinnotifikah bl-ittra ufficjali. Illi minkejja dan din il-Qorti tosserva illi ma giet esebita l-ebda prova dwar in-notifika pozittiva tal-ittra ufficjali indikata mill-attrici fl-affidavit taghha.

Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet maghmulha, il-Qorti tqis illi l-ispejjes tal-kawza ghandhom jigu divizi  bejn l-attrici u l-konvenut MC, inkluz l-ispejjes tad-Direttur tar-Registru Pubbliku.

**Illi ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddisponi mill-bqija tal-eccezzjoni tal-konvenuti kif gej:**

1. **Tiddikjara illi l-konvenut MC huwa l-missier bijoloġiku tal-minuri imwielda lil attrici LG u cioe: ZYP, li twieldet f'X, ZMP li twieldet f'Y, u ZP li twieled f'.**

2. **Tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fiċ-ċertifikati tat-twelid tal-minuri ZYP, li twieldet f'X, ZMP twieldet f'Y u ZKP li twieled f'Z liema certifikati tat-twelied huma innumerati A, B, C rispettivament, fid-dettalji ta' missier it-tarbija, huwa jħassar il-kliem "missier mhux magħruf" u minflok iniżżel id-dettalji tal-konvenut MC detentur tal-karta tal-Identita` Maltija bin-numru W, imwieled il-Pieta u iben LC li kien haj fil-mument tat-twelid tat-tliet minuri, u li l-konvenut MC meta twieldet il-minuri ZYP kellu (D) sena, u kien residenti B; meta twieldet il-minuri ZMP kellu E sena u kien residenti Z, u meta twieled il-minuri ZKP kellu F sena u kien residenti B.**

3. **Tordna, illi l-minuri ahwa ZYP, li twieldet f'X, ZMP li twieldet f'Y u ZKP li twieled fil-f'Z ghandhom jigu maghrufa bil-kunjom "G."**

**L-ispejjeż, inkluzi dawk tad-Direttur Registru Pubbliku, ghandhom jigu sopportati b'mod ugwali mill-attriċi u l-konvenut MC, inklus l-ispejjes ta' testijiet genetici tat-tlett minuri.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**